

Abbozz

REGOLAMENT TAL-GVERN

ta' 2024

li jemenda r-Regolament tal-Gvern Nru 463/2013 Coll. dwar l-iskedi ta' sustanzi li joħolqu dipendenza, kif emendat

Skont it-Taqsima 44c(1) u (2) tal-Att Nru 167/1998 Coll., dwar is-Sustanzi li Joħolqu Dipendenza u dwar l-Emendi għal Ċerti Atti Oħra, kif emendat bl-Att Nru 273/2013 Coll. u l-Att Nru 366/2021 Coll., il-Gvern b'dan jordna:

Artikolu I

Ir-Regolament tal-Gvern Nru 463/2013 dwar l-iskedi ta' sustanzi ta' dipendenza, kif emendat bir-Regolament tal-Gvern Nru 243/2015, ir-Regolament tal-Gvern Nru 46/2017, ir-Regolament tal-Gvern Nru 30/2018, ir-Regolament tal-Gvern Nru 242/2018, ir-Regolament tal-Gvern Nru 184/2021, ir-Regolament tal-Gvern Nru 159/2022 u r-Regolament tal-Gvern Nru 228/2023, huwa emendat kif ġej:

1. Fit-tabella fl-Anness 4, tiddaħħal ringiela ġdida taħt ir-ringiela li fiha t-test “FUB-PB-22” jidher fil-kolonna bit-titulu “Isem internazzjonali mhux proprjetarju (INN) ieħor”, li fil-kolonna bit-titulu “Isem internazzjonali mhux proprjetarju (INN) ieħor bil-lingwa Ċeka/isem komuni” fiha l-kelma “Eżaidrokannabinol”, fil-kolonna bit-titulu “Isem internazzjonali mhux proprjetarju ieħor jew isem komuni ieħor” fiha t-test “HHC”, fil-kolonna bitt-titulu “Isem kimiku IUPAC” fiha l-kelma “[6aR,10aR)-6,6,9-trimetil-3-pentil-6a,7,8,9,10,10a-eżaidrobenzo[c]kromu-1-ol” u fil-kolonna bit-titulu “Nota” fiha l-frażijiet “Għajr għall-HHC jekk ikun jinsab f’impjant tekniku tal-qanneb, qanneb tekniku, estratt tal-qanneb u tintura u preparazzjoni teknika tal-qanneb fi kwantitajiet ta’ anqas minn 0.3 %. Din l-eżenzjoni ma għandhiex tapplika għall-oġġetti tal-ikel.”.
2. Fit-tabella fl-Anness 4, tiddaħħal ringiela ġdida fuq ir-ringiela li fiha l-kolonna bit-titulu “Isem internazzjonali mhux proprjetarju (INN) bil-lingwa Ċeka/isem komuni” fiha l-kelma “Exedrone”, li fil-kolonna bit-titulu “Isem internazzjonali mhux proprjetarju (INN) bil-lingwa Ċeka/isem komuni” fiha l-kelma “eżaidrokannabinol-O-aċetat”, il-kolonna bit-titulu “Isem internazzjonali mhux proprjetarju ieħor jew isem komuni ieħor” fiha l-kliem “HHC-aċetat, HHC-O”, u l-kolonna bit-titulu “Isem kimiku IUPAC” fiha l-kelma “[6aR,10aR)-6,9-trimetil-3-pentil-6a,7,8,9,10,10a-eżaidrobenzo[c]kromu-1-il] aceta”.
3. Fit-tabella fl-Anness 4, tiddaħħal ringiela ġdida fuq ir-ringiela li fiha l-kolonna bit-titulu “Isem internazzjonali mhux proprjetarju (INN) bil-lingwa Ċeka/isem komuni” fiha l-kelma “Tetraidrokannabinol”, li fiha l-kolonna bit-titulu “Isem internazzjonali mhux proprjetarju (INN) bil-lingwa Ċeka/isem komuni” fiha l-kelma “Tetraidrokannabiforol”, il-kolonna bit-titulu “Isem internazzjonali mhux proprjetarju (INN) ieħor jew isem

komuni ieħor” fiha l-kelma “THCP”, il-kolonna bit-titolu “Isem kimiku IUPAC” fiha l-kelma “(6aR,10aR)-3-eptil-6,6,9-trimetil-6a,7,8,10a-tetraidrobenzo[c]kromu-1-ol”, u l-kolonna bit-titolu “Nota” fiha l-frażijiet “Għajr għat-THCP jekk ikun jinsab f’impjant tekniku tal-qanneb, il-qanneb tekniku, l-estratt u t-tintura tal-qanneb u l-preparazzjoni teknika tal-qanneb fi kwantitajiet ta’ anqas minn 0.3 %. Din l-eżenzjoni ma għandhiex tapplika għall-oġġetti tal-ikel.”.

Artikolu II **Regolament tekniku**

Dan ir-Regolament ġie nnotifikat f’konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

Artikolu III **Validità**

Dan ir-Regolament tal-Gvern jidħol fis-seħħi fil-jum ta’ wara d-data tal-promulgazzjoni tiegħi.

Prim Ministru:

Viċi Prim Ministru u Ministru tas-Saħħha: